MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1716/2005

**Paul Marmara ghan-nom tad-ditta Marmara Camilleri & Co**

**vs**

**Dragon Co Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fis-6 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ tlett mija erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354) rapprezentanti prezz ta’ servizzi professjonali rezi lis-socjeta attrici, b’l-imghaxx legali mill-20 ta’ Awissu 2004 u b’l-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha qalet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-servizzi ma gewx rezi tant li l-istess socjeta konvenuta soffriet Danni konsistenti f'multi u pemali ma'l-awtoritajiet kompetenti.

Ra n-nota ta'l-attur prezentata waqt l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Jannar 2006 li permezz taghha ceda s-sorte, stant pagament fil-mori tal-proceduri pero zamm ferm il-kap ta' l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Marzu 2006 meta id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza ghandha tmur ghas-sentenza fuq il-kap ta'l-imghaxx u l-ispejjez u f'dan ir-rigward irrimettew ruhhom ghall-atti.

Ra ix-xhieda ta' Paul Marmara u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Din hija kawza li permezz taghha l-attur kien qed jitlob hlas tas-somma ta' tlett mija erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354) rapprezentanti  prezz ta' servizzi professjonali rezi mill-attur lis-socjeta konvenuta.

Dan l-ammont thallas fil-mori tal-proceduri u konsegwentement jidher li t-talba ta' l-attur ghall-hlas kienet gustifikata.

Is-socjeta konvenuta da parti taghha ma gabet l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn halliet lill-atturi jistennew ghall-hlas sa kemm kellhom jirikorru ghal dawn il-proceduri. Konsegwentment din is-socjeta ghandha tkun responsabbli ghall-ispejjez gudizzjari li kellhom jidhlu ghalihom l-atturi minhabba id-dewmien fil-hlas da parti tas-socjeta konvenuta, kif ukoll ghall-imghaxx li lahaq idekkorra fuq l-ammont pretiz mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghaxx mill-20 ta' Awissu 2004 u l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------